MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Numru 882/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Ishmael Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoniji li permezz taghha Ishmael Mifsud, ta' 26 sena, iben Carmel u Grace nee' Camenzuli, imwieled Pieta' nhar it-30.05.1979 u li joqghod fil-fond no. 18 'St. Frances Flats', Triq Johnny Catania, Msida, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 268079(M) gie akkuzat talli:

Fil-20 ta' Gunju 2005 u fil-jiem ta' qabel din id-data, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga

misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf u cioe' kien fil-pussess ta' mobile phone ta' ghamla Nokia 6600 valur ta' LM135 propjeta' ta' Christopher Pullicino mill-Mosta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok AP3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li l-*mobile phone* gie ritornat lil sidu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 334A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Ishmael Mifsud, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li l-*mobile phone* gie ritornat lil sidu, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'

Malta bl-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Ishmael Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------